# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 39

IL-GIMGĦA 28 TA' AWWISSU 2015 FIS-2.00 TA' WARA NOFSINHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti.

F'paġna 5, T Castelletti, l-aħħar paragrafu qal – minflok il-kelma 'kantanti' issir 'artisti'. Huwa qal li l-aħħar sentenza trid tinkiteb kif ġej għax ma tgħidx kollox li intqal. Segretarju qal li kitiba hekk biex jinżammu il-minuti mil-'aħjar':

'T Castelletti qal li ma tridx tkun tifhem biex tgħid li Eur1500 jekk ma jintefqux misshom ġew għandna. Filfatt, anke l-*istage* ġew b'xejn. T Castelletti qal kien hemm *budgeted* Eur1500, ma jfissirx li intefqu kollha'.

Sindku qal li l-mistoqsija tiegħu kienet li jekk ma intefqux il-Eur1500, stajna aħna forsi konna nieħdu xi ħaġa minnhom fl-aħjar interess tal-finanzi tal-Kunsill.

Sindku qal li kieku ikkomunikajna aħjar, konna inkunu nafu aħjar x'kienu ħa jtuna preċiż, u allura ma kienetx tqum din il-kwistjoni bejnietna.

T Castelletti qal li konna nafu min ġej, għax il-*Malta Arts Council* bgħatu l-lista ta' artisti lil Mark.

T Castelletti – mhux 'garaxx' imma '*shelter*' – latrina

Sindku – Paġna 4 – 'internazzjoni' trid issir 'internazzjonali'.

Paġna 2 – Il-Kunsill kien talab lil Perit sabiex iħejji rapport professjonali dwar l-evalwazzjoni ta' dawn it-tenders. Parti min dan l-istess rapport kien jgħid…
Paġna 2 – 'Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa qed jgħid wara li kkonsulta mal-avukat permezz tal-e-mail'.

Sindku ressaq għall-approvazzjoni. Ronnie issekonda. Iffirmati.

## 2. Tenders.

Sindku u Segretarju Eżekuttiv spjegaw l-offerti.

Kunsill qabel li tintgħażel l-għola offerta ta' Piscopo Gardens. Liema offerti hi irħas min dik ta' WM Environmental.

## 3. Schedule of Payments

Gino Muscat – Saqsa jekk qatt approvajniex li jaħdem Michael Calleja. Sindku qal tkellimniha u anke il-prezz. Dan beda jaħdem u diġa rajna differenza. G Muscat qal li kellna nitkelmu biex insibu xi ħadd meta jispiċċa Tony. G Muscat saqsa jekk dan Calleja hux qed jgħamel xogħlu sew. F Roe ma qabilx.

Sindku qal konna qbilna li nibdew naħdmu ma Callejja, bil-patt u kundizzjoni li nibdew nipjanaw għal meta jitlaq Tony.
Sindku qal dan il-persuna qed jgħamel rapport fuq ix-xogħol tiegħu li nistaw nippreżentaw Kunsill u nevalwaw jekk hux jiġina *worth it* Eur200.

Irid issa jibda jiġi preparat *tender* għar-*replacement* ta' Tony.

T Castelletti qal li l-prezz tiegħu huwa raġonevoli ħafna. Imma issa la darba beda dan, ipreġudikajna min ħa jidħol minflok Tony Teuma.
F Roe qal li Tony Teuma irid jieqaf f'Diċembru. F Roe qal li hu jemmen li min jidħol minfloku fuq ġewwa, bħala *clerk*.

Sindku jaqbel li jkollna *employee* li jaħdem kemm ġewwa u barra.
Niftakru li issa la jkollna segretarju eżekuttiv *full time, contracts manager u employee full time*, ha jkollna piż finanzjarju kbir.
KLX irid *replacement* sa Jannar, għax Yasmine ser tkun waħeda *customer care.*

Nitolbu jekk id-DLG itiniex permess għal clerk ieħor/oħra part-time.

Gino – Qed jara il-kontijiet tal-*Heritage Enterprises* għoljin.
T Castelletti qal li konna miftehmin li l-ispejjes tiegħu jiġu covered mil-fondi tal-EU
Kont No 21 – *Ask Dr Borg for clarification on Bill. And then inform Councillors*.

## 4. Matters Arising

<u>Sindku</u> – Qal li dan l-aħħar ġimgħatejn mexa ħafna xogħol fuq barra u s-Sindku rringrazzja lil Ronnie ta' kemm jgħamel superviżjoni fuq dan ix-xogħlijiet ta' *maintenance*.

- *Mobile Toilet* tax-Xatt ġie vandalizzat. KLX qabel li jingħalqu temporanjament sa ma jissewwa.

<ins>T Castelletti</ins> – Jumejn ilu kien hawn u l-*electrician* tal-Kunsill qal li xi ħadd bgħabas il-kaxxa tad-dawl. Sindku qal, li sabu il-kaxxi miftuħin, u hu tkellem mal-*electrician* ikkonferma li ma hemmx tbabis ta' dawl. Illum kellu jiġi il-kuntrattur, qal is-Sindku, u kellhom jgħidulna x'hemm ħażin.

<ins>F Roe</ins> – Tal-block D4 neħħejna xi ħamrija, u nkixfu xi pipes. Dawn issuġġerew li ssir bil-ġebla pariġġ il-kuruturi u jkun hemm pulita bħal li hemm. Inkellmu lil Perit.

- Triq Testaferrata, faċċata tal-*Continental* tefaw 3 *barriers* tal-ħadid bla permess jokkupaw *parking. Report to David Soler.*
- Ta' warajħ qed igergru li nies qed jipparkjaw bla arloggi. Fejn Blocks E4 u E5.
- Dwar il-proġett tal-Wasteserv. Hu qassam il-karti u kellna *feedback* pożittiv min xi *areas*. Imma kien hemm *feedback* negattiv min naħa tal-villel. Kien hemm ħafna nies mhux interessati fil-proġett.
  Fadal iduru il-ħwienet, uffiċini u ambaxxati.
  Bins jibdew jitqassmu 15 ta' Settembru.
  Tal-kunvent jisseparaw u jgħamlu il-peat. Ser nibdew ntuhom il-boroz griżi.
- Ser jorganiżża laqgħa tal-amministraturi tal-blokkok tal-flats.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 5.30pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv